

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-13 ta' Jannar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Okręgowy w Opolu – il-Polonja) – Skarb Państwa – Starosta Nyski vs New Media Development & Hotel Services Sp. z o.o.**

(Kawża C-327/20) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2011/7/UE – Ġlieda kontra l-ħlas tardiv fit-tranżazzjonijiet kummerċjali – Kamp ta' applikazzjoni – Kunċett ta' "tranżazzjoni kummerċjali" – Awtorità pubblika li taġixxi bħala kreditur ta' impriża – Esklużjoni – Għoti minn awtorità pubblika ta' proprjetà immobbli b'użufrutt perpetwu lil impriża bi ħlas ta' tariffa annwali)*

(2022/C 109/10)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Opolu

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Skarb Państwa – Starosta Nyski

Konvenut: New Media Development & Hotel Services Sp. z o.o.

### Dispożittiv

Il-kunċett ta' "tranżazzjoni kummerċjali", fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jkoprix il-ġbir, minn awtorità pubblika, ta' tariffa dovuta bħala remunerazzjoni tal-użufrutt perpetwu ta' art, mingħand impriża li din l-awtorità pubblika hija l-kreditur tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 28, 25.1.2021

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-13 ta' Jannar 2022 – Liviu Dragnea vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-351/20 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell – Investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) – Rapport ta' investigazzjoni – Talba għall-ftuħ ta' investigazzjoni dwar it-tmexxija tal-investigazzjonijiet preċedenti mill-OLAF – Applikazzjoni għal aċċess għal dokumenti – Ittra ta' rifjut – Artikolu 263 TFUE – Deċiżjoni li tista' tkun suġġetta għal rikors għal annullament – Terminu għall-preżentata tar-rikorsi – Rikors kontra ittra konfermattiva ta' rapporti ta' investigazzjoni tal-OLAF – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Artikolu 6 u Artikolu 7(2) – Obbligu li l-applikant jiġi informat dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni konfermatorja)*

(2022/C 109/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Appellant: Liviu Dragnea (rappreżentanti: C. Toby, O. Riffaud u B. Entringer, avocats)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Keppenne u J. Baquero Cruz, aġenti)

### Dispożittiv

- 1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 2020, Dragnea vs Il-Kummissjoni (T-738/18, mhux ippubblikat, EU:T:2020:208), huwa annullat sa fejn, permezz tiegħu, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors ta' Liviu Dragnea intiż għall-annullament tal-ittra tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) tal-1 ta' Ottubru 2018, sa fejn, permezz ta din l-ittra, dan tal-aħħar irrifjuta li jagħtih aċċess għad-dokumenti mitluba fl-ittra tiegħu tat-22 ta' Awwissu 2018.
- 2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għal annullament.